# OMM U TARBIJA

Ħliqa mistennija,
kont mgħaġġla biex tiġi fid-dinja,
u l-ferħ, l-hena bikrija
tal-miġja tiegħek
ħassibni
beżżagħni
li sejra nitilfek.
Iżda bexxaqt għajnejk, bdejt tingħi
u jiena ħaddantek f'dirgħajja
minkejja l-għajja.
Kont ċkejkna, kont qisek
xi kobba tajjar
li tmissha tistkerraħ bis-sħiħ.
Kont ħajja li l-ħajja tajt lili
u t-tama,
għamiltni omm hienja.
Il-għada x'kien sejjer jagħtina
x'kien dinna?
Jien bistek
u qistek
ħuġġieġa ta' qalbi.
Middejtek hemm ħdejja
fil-qrib ta' għajnejja
u 'l Alla ħanin
bil-ħniena
jien tlabtu
jixħetlek il-barka.

ALBERT M. CASSOLA



# IL-QATLA

## Novella ta' FRANS SAMMUT

Ħareġ mill-ħanut imgħaġġel. Fid-dlam ċappa ta' barra, l-idejn forforexxenti ta' l-arloġġ urewh li kienu d-disgħa u nofs. Kien ġa tard. Ħaffef tul it-triq, kiser mal-kantuniera u fl-għargħar ta' dawl ġej min-neon ta' riklam kbir ta' l-imtieraħ lemaħ il-lambretta. Xi ħadd kien ipparkja warajha wkoll, u ġiet bejn żewġ karozzi. Iktar ma kien mgħaġġel.

Resaq lejha, ġibidha erba' passi 'l quddiem, rikeb u telaq ivenven minn Triq il-Merkanti għal Kastilja. Għadda sparat minn Vjal id-Duka, tar matul Triq Sant'Anna, qabeż xi karrozzi ħdejn il-Bombi u baqa' sejjer bl-istess veloċità, moħħu biss li kien iddawwar, u idejh imqabbda bħal ta' fergħun mal-klaċċ.

Fil-kampanja, bir-riħ ġej mill-Punent jaħbat ma' wiċċu, ħassu jistejqer mid-dagħdigħa li kellu. U bla ma ried f'moħħu bdew ġejjin għadd ta' ħsebijiet li ftit xtaqhom. Dan kien id-difett ewlieni tiegħu. Li jħalli l-istħajjil jiġri bih.

Tabilħaqq, kienet l-ewwel darba li se joqtol, u ma setax ma jaħsibx dwar it-tifsira tal-qtil, tal-ħajja u tal-mewt. X'jiġifieri toqtol? Ħlieqa qed tgħix, titħarrek, tiċċaqlaq, imqanqla mill-misteru msejjaħ ħajja, tneħħilha s-setgħa li tiċċaqlaq, titħarrek. Tisirqilha l-ħajja. Wara kollox dik kienet l-ordni tal-ħajja minn miljuni ta' snin sħaħ: il-qawwi joqtol id-dgħajjef biex igħix aħjar hu. Għax did-dinja ta' kobor bla qies ma tesax 'il kulħadd. U d-dgħajjef ikollu jwarrab, jagħmel il-wisgħa għall-gawwi. Liġi tan-natura li l-brimba tiekol id-dubbiena, u l-kameljonte jibla' l-brimba. Kien hekk minn dejjem. Igawdi min għandu l-felħa fiżika u l-aktar min għandu dik tal-moħħ. Għalhekk il-bniedem irnexxielu jżomm l-iċpeċja tiegħu, filwaqt li bhejjem u dbejjeb ġgantin inqerdu matul l-iżmna u matul il-bidliet li seħħew fil-qoxra tad-dinja, fit-temp, fis-sura ta' l-iġbla u l-ibħra.

Kienet l-ewwel darba li ġie mqabbad jagħmel xogħol bħal dan. U ma riedx joħroġ ta' ċajt. Imma stonku ma kellux sa barra. Għalhekk żied iqalleb ġo moħħu, jilgħab bir-raġunijiet u jiżinhom, biex donnu jiġġustifika għemilu u jroddu ftit u xejn inqas antipatiku. Xtaq, jaħasra li f'qalbu kellu mbejta l-mibegħda. Għax il-mibegħda twasslek għal ħafna għemejjel li l-bqija taqta' qalbek minnhom. Il-mibegħda hija arma siewja, qawwija u ta' fejda fin-nisġa ta' moħħ il-bniedem. Kienet hi li tgħollih 'il fuq mill-bhejjem bla dehen, li